MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 163/2009

**A B**

**-vs-**

**C B nee' D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permez tieghu, wara li ppremetta:

Illi l-partijiet izzewgu fl-erbgha (4) ta' Novembru, tas-sena elf, disa' mija, hamsa u disghin (1995) fil-knisja ta' Santa Katerina, iz-Zurrieq, u z-zwieg taghhom kien gie rregistrat fir-Registru Pubbliku, Valletta, Malta (Dok. A);

Illi minn dan iz-zwieg kien hemm tifla u cioe' E li twieldet fil-hamsa (5) ta' April tas-sena elf, disa' mija, sitta u disghin (1996);

Illi l-partijiet kienu sseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Pubbliku Malti Dottor A Vassallo Agius f'Ottubru tas-sena elfejn (2000);

Illi l-kunsens tal-kontendenti izda b'mod partikolari tal-konvenuta, kien vizzjat minhabba l-fatt li l-konvenuta kienet harget tqila u ghalhekk ma kienx hemm triq ohra hlief li jghaddu ghaz-zwieg, liema cirkostanzi kienu karatterizzati minn biza';

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghalihom li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk, iz-zwieg bejn il-partijiet hu null u invalidu skond il-ligi;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, il-konvenuta tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-kontendenti ccelebrat fl-erbgha (4) ta' Novembru, tas-sena elf, disa' mija, hamsa u disghin (1995) hawn fuq imsemmi, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-intimata li tibqa' ingunta minn issa in subizzjoni.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, C B ghazlet li ma twegibx ghall-kawza.

Rat id-dokumenti.

Rat iz-zewg affidavit prodotti.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-partijiet iltaqghu tramite l-genituri taghhom. Bdew johorgu flimkien u wara sena l-mara harget tqila. Izzewgu fl-1996, pero’ z-zwieg ma rnexxiex. Isseparaw fis-sena 2000. It-tnejn issa qeghdin f’relazzjoni ma’ terzi. Ir-rikorrenti issa qed jitlob dikjarazzjoni ta’ nullita’ a tenur tal-Art. 19 (1) (a), (d) u (f) tal-Kap. 255.

“*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe’ li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta’ kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta’ l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe’ li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega*,” (“**A Zammit vs Bernadette Zammit**”, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-27 ta’ Jannar, 2006).

F’din il-kawza tressqu bhala prova affidavit tar-rikorrenti u iehor ta’ ommu. It-tnejn jirrakkontaw zwieg li ma rnexxiex u ftit li xejn jitkellmu dwar ic-cirkostanzi tal-ghoti tal-kunsens.

Ir-rikorrenti jghid li zzewgu minhabba biza’ peress illi l-mara kienet qed tistenna tarbija. Dawn il-Qrati kkunsidraw hekk din ic-cirkostanza.

“*Il-biza` ta’ nies li huma superjuri jew il-genituri tista’ f’certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B’dan mhux qed jigi ntiz, biza` fis-sens ta’ suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta’ certa entita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza` li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni*

*b'biza` li taqa' taht l-artikolu 19 (a)*", ("**Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-22 ta' Novembru, 1982).

"*Il-fatt li l-attrici ghazlet volutament li tghaddi ghaz-zwieg biex tikkuntenta lill-genituri taghha u dawk ta' zewgha ma jammontawx, lanqas remotament, ghall-vjolenza. Lanqas il-biza' reverenzjali versu l-genituri ma jservi biex jannulla l-kuntratt jekk ebda vjolenza ma tkun giet uzata. Hekk jipprovdi l-Artikolu 980 Kodici Civili. Il-biza' trid tkun certa, gravi u realistika, dak li ma jirrizultax li hu hekk fil-kaz de quo*", ("**Denise Borg vs Christopher Borg**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-21 ta' Ottubru, 2002).

"*… … biex pressjoni indipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irresistibli, cioe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens*", ("**Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-14 ta'Awissu, 1995).

"*… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibilita` lil min ikun li jisfuggi minnha*," ("**Anthony Gatt vs Doreen Gatt**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fit-25 ta' Gunju, 1993).

Fid-dawl tal-fuq espost, din il-Qorti ma tqisx li c-cirkostanzi tat-tqala wasslu ghal dik il-biza' tali li trendi invalidu l-kunsens tal-partijiet.

Ghar-rigward tal-kawzali invokata a tenur tal-Art. 19 (1) (d), dawn il-Qrati jirritjenu illi:

"*Ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu (d) imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, fil-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta' kritika – estimativa jew kritika – valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita' affettiva li hija presuppost ghall-ghazla libera*

*dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta' riflessjoni, lanqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi prettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju*," ("**Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri**", deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla fl-10 ta' Novembru, 1995).

"*It seems that discretion of judgement or maturity of judgement can be lacking, if any one of the following three conditions or hypotheses is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair, that is a critical reflection apt for nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will, freedom (autonomia) from all force from within*", ("**Janet Portelli vs Victor Portelli**", deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Awissu, 1995).

Hawnhekk ukoll, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrenti rnexxielu jipprova dak li jallega. Sar zball meta l-partijiet izzewgu. Ma hasbux bizzejjed dwar il-pass li kienu ser jaghmlu, u dan kompla wassal ghat-tifrik tar-relazzjoni taghhom. Ta' min jinnota illi c-cirkostanzi wara z-zwieg ghenu mhux ftit biex din ir-relazzjoni giet stronkata malli inbidlet. Baqghu jghixu ma' nies ir-ragel kontra r-rieda tal-mara.

Sinjifikant, dak li tixhed omm ir-ragel:

"*Jien tajtha post sabih biex toqghod fih. Kelli s-sular ta' fuq u rrangajtulhom. Kellha l-ahjar kamra tal-banju, bit-toilet b'kollox, b'veranda ghaliha – ma nafx x'riedet aktar. Minn fuq ma tantx kienet tinzel – kienet tinzel biss biex tohrog u meta tohrog kienet tmur ghand ommha. Hallejtilha anke t-telefon!*

*Kienet taghtini kollox biex nahslilha, anke l-qalziet ta' taht.*

*Rabbejtilha t-tifla, kont naghtiha l-banju.*"

B'referenza ghall-Art. 19 (1) (f), imbaghad, ix-xhieda ta' omm ir-ragel fuq kwotata turi li l-eskluzjoni taz-zwieg li kien hemm kienet da parti tal-genituri tal-koppja. Ma tawhomx cans jibdew hajjithom. Setghet kienet storja ohra. F'materja ta' eskluzjoni, il-Qorti tirreferi ghall-insenjament imtenni mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Adrian Busietta vs Eileen Busietta**", (deciza fit-30 ta' April, 2009), li ghalih din il-Qorti taghmel pjena referenza.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tichad it-talba tar-rikorrenti;

L-ispejjez jithallsu mill-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------